MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 391/2005

**Mario Psaila Savona (ID565454M)**

**vs**

**Chris Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388.00) rapprezentanti kiri ta' karrozza li l-attur sofra wara incident awtomobilistiku li gara fis-16 ta' Lulju, 2004, b'tort unikament tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 6917/04 kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-8 ta' Marzu, 2005, fejn intqal :**
**Illi preliminarjament, il-konvenut tramite s-socjeta` assikuratrici tieghu, GasanMamo Insurance Limited, kien ammetta t-tort ghall-incident mertu tal-kawza, u kien sar hlas ta' l-ammont ta' hames mija u sittax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm516.33) lis-socjeta` assikuratrici ta' l-attur, u cioe` Atlas Insurance Limited, liema hlas kien jinkludi l-ammont ta' mitt lira (Lm100.00) ghall-kiri ta' vettura mill-attur waqt il-perijodu tat-tiswijiet, skond is-survey report.**
**Illi skond s-survey report redatt fuq il-vettura ta' l-attur, bin-numru tar-registrazzjoni MPS-001, kien hemm imnizzel « Loss of use Days = 4/5 days », u ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas ghall-kiri ta' vettura ghal xejn anqas minn wiehed u sittin (61) gurnata hija ezagerata, abbuziva u ingustifikata.**
**Illi l-attur u/jew is-socjeta` assikuratrici tieghu qatt ma avzaw lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, jew lill-konvenut innifsu, illi kien hemm xi dewmien fil-wasla tal-parts ghall-vettura tal-attur, jew li l-attur kien fil-fatt qed jikri vettura tul dak iz-zmien kollu, izda ipprezentaw kollox bhala « fait accompli », u dana a skapitu tal-konvenut u s-socjeta` assikuratrici tieghu li ma nghataw l-ebda opportunita` illi jrazznu, jimminimizzaw, jew jikkontrollaw dawn l-ispejjez zejda u inutili, kif setghu facilment jaghmlu.**
**Illi konsegwentement u ghar-ragunijiet suesposti, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-ispejjez in kwistjoni saru abbuzivament u purament b'kapricc ta' l-attur, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Psaila Savona, Hubert Said u Steve Conti. Ra l-affidavit ta' Carmel Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda talba ghall-hlas ta' kiri ta' karrozza wara kollizzjoni.**
**2. Il-konvenut qed jghid li tramite s-socjeta` assikuratrici tieghu, GasanMamo Insurance Limited, kien sar hlas tad-danni li inkludew l-ammont ta' mitt lira (Lm100.00) ghall-kiri ta' vettura skond is-survey report. Apparti minn dan qed jinghad li t-talba hija ezagerata u ingustifikata, kif ukoll lii l-attur u/jew is-socjeta` assikuratrici tieghu qatt ma avzaw lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, jew lill-konvenut innifsu, illi kien hemm xi dewmien fil-wasla tal-parts ghall-vettura tal-attur.**
**3. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghall zewg kawzi decizi minn dan l-istess Tribunal, cioe` dik fl-ismijiet «Avukat Dr. George Cutajar vs Dorianne mart Romaine Galea et» (Avv.1743/03JR dec :16.04.2004) u dik fl-ismijiet « Philip A. Tabone vs Peter Dacoutros » (2249/02JR dec :15.09.2004). F'din ta' l-ahhar saret referenza ghal dak li gie ritenut mill-Qorti: "illi huwa principju assodat fil-qasam ta' l-assikurazzjoni li d-danneggjat ghandu jaghmel hiltu biex jimminimizza d-danni b'kriterju komunament maghruf bhala 'bonus pater familias'". Fil-fatt f'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 1994 fil-kawza Mario Blackman vs Paul Formosa (PA per JSP) il-Qorti ssottolineat il-principju li d-danneggjat, filwaqt li ghandu d-dritt li jassigura d-dritt li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga' jitqieghed, kemm hu possibli, fl-istat li kien qabel l-incident, fl-istess waqt ghandu l-obbligu li jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom huwa responsabbli min ikkagunalu l-hsarat (Andrew Sullivan vs Charles Grixti et per Magistrat Michael Mallia deciza fid-9 ta' Novembru, 1998).**
**11. Fil-kaz odjern, l-attur spjega li kien tkellem mal-assigurazzjoni tieghu, u kien zamm kuntatt regolari ma' Steve Conti, Claims Manager tas-socjeta` assikuratrici tal-attur. Jirrizulta li l-parts damu ma waslu, u l-attur kien attire l-attenzjoni tieghu dwar dan il-fatt lill-assigurazzjoni.**
**12. Skond ma xehed il-panel beater Carmel Vella, il-, u hu ma setghax jibda xogholijiet fuq il-vettura peress**

**li ma kienx hemm spare parts. Dawn fil-fatt gew ordnati minn rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici.**
**13. Hubert Said, Claims Supervisor mas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, is-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, spjega li fl-20 ta' Lulju, 2004 fethu claim u gew mistoqsija minn Atlas Insurance jekk hux qed jaccettaw it-tort, Dok.HS1 u HS2. Huma rcevew survey report minghad is-socjeta` Atlas Insurance li kien jindika hames tijiem bhala *loss of use, Dok.GM1*. Fl-20 t'Awissu il-konvenut hallas l-excess u intbghatet e-mail lil Atlas Insurance fejn intqal li qed jigi accettat it-tort kollu, Dok.HS4. Sussegwentement fid-29 ta' Settembru ircevew minghand is-socjeta` Atlas Insurance biex ihallsu lill-terza persuna l-ammont reklamat f'dan l-avviz. Is-socjeta` assikuratrici GasanMamo irrifjutat li thallas.**
**14. Steve Conti ghal Atlas Insurance Limited jispjega li huma kienu hallsu lill-assikurat taghhom mitt lira ghall loss of use. Skond ix-xhud l-attur ma kellimhomx dwar il-kont u meta rcevewh ghaddewh lis-socjeta` GasanMamo.**
**15. Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu sodisfatt illi l-attur agixxa b'mod korrett meta hu kien avvicina lill-assikurazzjoni tieghu u zammhom infurmati dwar l-andament tal-parts tal-vettura tieghu. L-attur issa gustament qed jitlob li jigi rimborsat dawk id-danni subiti konsegwenza tal-kollizzjoni.**
**16. It-Tribunal tenut kont tal-principji fuq enuncjati jsib t-talba tal-attur gustifikata, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut fil-konfront ta' terzi jekk ikun il-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388.00). salv u impregudskat kull dritttal-konvenut kontra terzi.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------